



Dokument ta' sessjoni

B8-0254/2016

17.2.2016

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-introduzzjoni ta' sistemi kompatibbli għar-reġistrazzjoni ta' animali
domestiċi fl-Istati Membri kollha
(2016/2540(RSP))

Renate Sommer

f'isem il-Grupp PPE

Julie Girling

f'isem il-Grupp ECR

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-introduzzjoni ta' sistemi kompatibbli għar-reġistrazzjoni ta' annimali domestiċi fl-Istati Membri kollha (2016/2540(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni tal-4 ta' Frar 2016 dwar l-introduzzjoni ta' sistemi kompatibbli għar-reġistrazzjoni ta' annimali domestiċi fl-Istati Membri kollha,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 43 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar il-funzjonament tal-Politika Agrikola Komuni,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 114 tat-TFUE dwar l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq uniku,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 168(4)(b) tat-TFUE dwar il-miżuri fl-oqsma veterenarji u fito-sanitarji,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 169 tat-TFUE dwar miżuri ta' protezzjoni tal-konsumatur,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tat-TFUE li jstabbilixxi li, fil-formulazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jagħtu konsiderazzjoni sħiħa lill-ħtiġijiet tal-benessri tal-annimali minħabba li huma esseri sensibbli,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi¹, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 tat-28 ta' Ġunju 2013 dwar id-dokumenti tal-identifikazzjoni tal-mudell għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa, l-istabbiliment ta' listi ta' territorji u pajjiżi terzi u l-format, it-tqassim u r-rekwiżiti lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet li jiċċertifikaw il-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) Nru 576/2013²,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni, mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(1) għad-Direttiva 90/425/KEE³,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' April 2014 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Saħħa tal-Annimali⁴,

¹ ĠU L 178, 28.6.2013, p. 1.

² ĠU L 178, 28.6.2013, p. 109.

³ ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.

⁴ Testi adottati, P7_TA(2014)0381.

- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tat-3050 laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd tad-29 ta' Novembru 2010 dwar il-benessri tal-klieb u l-qtates,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom¹,
 - wara li kkunsidra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 792/2012 tat-23 ta' Awwissu 2012 li jistipula regoli għat-tfassil ta' permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn ipprovduti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006²,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Benessri tal-Annimali mid-Danimarka, il-Ġermanja u n-Netherlands tal-14 ta' Diċembru 2014,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2015 dwar kura tas-saħħa aktar sikura fl-Ewropa, it-titjib tas-sikurezza tal-pazjent u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi³,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-istudju mill-Companion Animals Multisectoral Interprofessional and Interdisciplinary Strategic Think Tank on Zoonoses (CALLISTO),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Kummissjoni ffinanzjat studju dwar il-benessri tal-klieb u l-qtates involuti fi Prattiki kummerċjali;
 - B. billi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet kompetenti u l-veterinarji urew evidenza ta' żieda fil-kummerċ illegali tal-annimali domestiċi, b'abbuż mifruż tal-Iskema ta' Vvjaġġar tal-Annimali Domestiċi, l-evazzjoni tal-kontrolli u l-falsifikazzjoni tad-dokumenti;
 - C. billi l-abbuż tal-Iskema ta' Vvjaġġar tal-Annimali Domestiċi attwalment hi stmata bħala t-tielet kummerċ illegali li jiġġenera l-aktar qligħ fl-UE wara n-narkotiċi u l-armi;
 - D. billi kemm l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti qegħdin jassoċjaw dejjem aktar il-kummerċ illegali tal-annimali domestiċi mal-kriminalità gravi u organizzata;
 - E. billi, minkejja t-titjib reċenti, għad baqa' tħassib kbir f'termini ta' informazzjoni provduta għall-Passaporti tal-Annimali Domestiċi, partikolarment fil-mod li bih l-età mogħtija ta' animal individwali tista' tiġi ppruvata bħala korretta;
 - F. billi l-fruntieri liberi taż-żona ta' Schengen mhux biss jipprovdu għal vjaġġar mingħajr passaport għaċ-ċittadini bejn l-Istati Membri, imma jiffaċilitaw ukoll vjaġġar mingħajr kontrolli fi ħdan l-Unjoni ta' annimali li ġeneralment jinżammu bħala annimali

¹ ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.

² ĠU L 242, 7.9.2012, p. 13.

³ Testi adottati, P8_TA(2015)0197.

domestiċi;

- G. billi l-annimali domestiċi involuti f'kummerċ illegali spiss ikunu mrobbija ħażin, ma jkunux imdorrijin jinteraġixxu soċjalment u jkunu friskju għoli ta' mard;
- H. billi 70 % ta' mard ġdid li laqat lil bniedem f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin oriġina mill-annimali, u l-annimali ġeneralment miżmuma bħala annimali domestiċi iġorru fuqhom aktar minn 100 żoonożi, inkluża l-idrofobija;
- I. billi dawk li jixtru annimali domestiċi imrobbija ħażin spiss jiffaċċjaw kontijiet veterinarji għolja mhux mistennija jew jinħasdu mill-mewt għal għarrieda tal-annimal domestiku li jkunu għadhom kif xtraw;
- J. billi l-maġġoranza tal-Istati Membri diġà għandhom xi tip ta' rekwiżiti għar-reġistrazzjoni u/jew l-identifikazzjoni tal-annimali domestiċi; billi ħafna minn dawn il-bażijiet ta' data għadhom mhumiex konnessi ma' bażi ta' data tal-UE u dan hu ostaklu għal traċċabbiltà sħiħa meta l-annimali domestiċi jiġu spustati minn pajjiż għall-ieħor fl-UE;
- K. billi l-kummerċ illegali tal-annimali selvaġġi huwa waħda mill-aktar attivitajiet estensivi ta' kriminalità organizzata transnazzjonali fid-dinja kollha;
 - 1. Jenfasizza l-kontribut pożittiv li l-annimali domestiċi jagħtu lill-ħajjiet ta' miljuni ta' sidien u familji individwali fl-UE kollha, u jafferma mill-ġdid li s-sidien għandhom ikunu jistgħu jivvjaġġaw bl-annimali domestiċi tagħhom b'mod sigur u kkontrollat fl-Unjoni kollha;
 - 2. Jilqa' t-titjib għall-Iskema ta' Vvjaġġar tal-Annimali Domestiċi introdott bir-Regolament (UE) Nru 576/2013. inkluż biż-żieda ta' karatteristiċi ta' sigurtà li fih il-Passaport tal-Annimali Domestiċi;
 - 3. Jinnota bi tħassib l-evidenza minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, aġenziji tal-infurzar tal-liġi, awtoritajiet kompetenti u veterinarju li turi b'mod ċar abbuż illegali li qed jikber mill-Iskema ta' Vvjaġġar tal-Annimali Domestiċi, li qed tiġi sfruttata għal skopijiet kummerċjali;
 - 4. Jinnota li r-rata baxxa ta' vaċċinazzjoni fost l-annimali domestiċi kkummerċjati llegalment ta' spiss tfisser li dawn ikollhom jiġu ttrattati bl-antibijotiċi; jenfasizza li dan iżid ir-riskju ta' resistenza għall-antimikrobiċi fost l-annimali domestiċi; jinsab imħasseb li dan hu fattur ta' riskju addizzjonali għall-iżvilupp u t-trażmissjoni ta' resistenza antimikrobika fil-bniedem;
 - 5. Jirrikonoxxi li filwaqt li l-Istati Membri għandhom sistemi mandatorji għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali domestiċi, hemm diskrepanzi fir-rigward tat-tip ta' informazzjoni li tinżamm, l-annimali koperti mir-rekwiżiti ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni, u l-livell ta' governanza li fiha tinżamm din l-informazzjoni;
 - 6. Jemmen li sistemi kompatibbli ta' rekwiżiti ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni għall-klieb (*Canis lupus familiaris*) u l-qtates (*Felis silvestris catus*) tista' tnaqqas l-ambitu ta' falsifikazzjoni tad-dokumenti u ta' kummerċ illegali, b'hekk tiproteġi s-saħħa pubblika

u tal-annimali u tipprevedi traċċabilità effikaċi fl-Unjoni;

7. Jinnota bi tħassib il-kummerċ illegali li qed jiżdied fl-annimali selvaġġi ġeneralment miżmuma bħala annimali domestiċi;
8. Jemmen li sistemi kompatibbli ta' rekwiżiti għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni għall-annimali selvaġġi ġeneralment miżmuma bħala annimali domestiċi tista' tnaqqas l-ambitu ta' kummerċ illegali, tipproteġi s-saħħa pubblika u tal-annimali u l-bijodiversità, u għandha tipprevedi wkoll traċċabilità effikaċi fi ħdan l-Unjoni;
9. Jistieden lill-Kummissjoni, meta jidħol fis-seħħ ir-Regolament dwar il-Mard Trasmissibbli tal-Annimali, tadotta att delegat minnufih li jstipula regoli skont l-Artikoli 108, 109 u 118 tar-regolament dwar sistemi dettaljati u kompatibbli għall-mezzi u l-metodi ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni tal-klieb (Canis lupus familiaris) u l-qtates (Felis silvestris catus);
10. Jistieden lill-Kummissjoni, meta jidħol fis-seħħ ir-Regolament dwar il-Mard Trasmissibbli tal-Annimali, tikkunsidra li tadotta atti delegati li jstipulaw regoli skont l-Artikoli 108, 109 u 118 tar-regolament dwar sistemi dettaljati u kompatibbli għall-mezzi u l-metodi ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni tal-annimali domestiċi li ġejjin, kif definit mill-Anness I tal-istess regolament: rettili, għasafar (kampjuni ta' speċijiet avjarji minbarra tjur domestiċi, dundjani, farawni, papri, wiżż, summien, ħamiem, faġani, perniċijiet u ratiti), rodituri u fniek minbarra dawk li huma intiżi għall-produzzjoni tal-ikel;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-rekwiżiti fil-paragrafi 10 u 11 jiżguraw li l-miżuri ta' prevenzjoni u kontroll previsti fir-Regolament dwar Mard Trasmissibbli tal-Annimali ikunu applikati b'mod effiċjenti u li jiffaċilitaw it-traċċabbiltà ta' dawn l-annimali domestiċi, il-movimenti tagħhom fl-Istati Membri u bejn Stat Membru u ieħor kif ukoll id-dħul tagħhom fl-Unjoni;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora miżuri addizzjonali biex tiġġieled il-kummerċ illegali tal-annimali domestiċi msemmija fil-konklużjonijiet tal-istudju dwar il-benessri tal-klieb u l-qtates involuti fi Prattiki kummerċjali, u biex tippubblika dawk il-konklużjonijiet mingħajr dewmien;
13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.